TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 12/12/GZ

**Tony u Doris Cachia**

**vs**

**Kenneth Camilleri – 'Mr Lee'**

Illum 19 ta' Settembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf mitejn u hamsin Ewro (€1250.00)) rapprezentanti l-prezz li huma hallsu lis-socjeta' ntimata ghal 'liquid membrane' u t-tqeghid ta' l-istess, liema 'liquid membrane' beda jinqala' wara biss xahar.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma qed jitolbu s-somma ta' elf mitejn u hamsin Ewro (€1250.00) minghand is-socjeta' ntimata, ghaliex wara xahar li l-istess socjeta' pprovdiet is-servizz ta' tqeghid ta' 'liquid membrane' fuq il-bejt, dan beda jinqala'. Ir-rikorrent (Tony Cachia) kien cempel lis-socjeta' ntimata, fejn l-intimat flimkien ma' zewg persuni ohra kienu marru jirrangaw il-'liquid membrane' li kien qed jinqala'. F'dan l-istadju, ir-rikorrent kien talab lill-intimat ghal ftit 'liquid membrane' go vazett, fejn ir-rikorrent kien innota li wara ftit dan is-'sample' kien diga' nqata'.

Xi erbgha (4) xhur wara, bdiet ix-xita u l-'liquid membrane' beda jinqala' minn kullimkien. Mal-lejl, l-intimat kien ukoll ghamel it-terrazzin b'xi likwidu trasparenti, ghaliex kien jidhol xi ilma

mas-saqaf tal-kcina tar-rikorrenti, pero' dana kien kollu ghal xejn, ghaliex is-saqaf tal-kcina xorta ttebba bil-moffa minhabba li l-ilma tax-xita xorta wahda dahal.

Ir-rikorrenti kien regghu cemplu lis-socjeta' ntimata diversi drabi, pero' qatt ma rcevew telefonata lura.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, u Doris Cachia ziedet tghid illi huma kienu saru jafu bis-servizz ipprovdut minghand is-socjeta' ntimata permezz ta' reklam fuq magazine. Ix-xoghol li sar mis-socjeta' ntimata sar bi traskuragni. Ziedet tghid ukoll illi l-ahhar haga illi l-intimat kien qalilhom, qabel ma telaq u ma riedx ikompli, kien, li l-'liquid membrane' kien maqtugh u li dan kien gara bi klijenta ohra u li jekk riedu setghu jfittxuh. Stqarret ukoll illi huma kellhom iqabbdu lil haddiehor sabiex jerga' jsir ix-xoghol u kellhom ihallsu 'l fuq minn elf Ewro (€1000.00).

Ir-rikorrenti ezebew ir-reklam li kienu raw fuq il-magazine, li gie mmarkat bhala Dok.DC; kopja ta' l-ircevuta datata 30 ta' Mejju 2011 li nghatat lilhom minghand is-socjeta' ntimata ghall-hlas ta' l-ammont ta' elf mitejn u hamsin Ewro (€1250.00), li giet immarkata bhala Dok.DC1; sett ta' sebgha (7) ritratti li juru x-xoghol li kien sar bi traskuragni li gew immarkati bhala Dok.DC2; kif ukoll silta mill-gazzetta l-Orizzont li turi l-affissjoni li giet ippublikata wkoll.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrenti konsumaturi, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' elf mitejn u hamsin Ewro (€1250.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**